



# Aħbar Tajba

Eżek 17, 22-24
S 91 (92), 2-3.13-14.15-16
2 Kor 5, 6-10
Mk 4, 26-34

"Is-Saltna ta' Alla hi bħal meta raġel ikun xeħet iż-żerriegħa fl-art. Rieqed jew imqajjem, **billejl jew binhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma jaf kif."**

Kemm kont niddejjaq meta kont għadni żgħir meta kont nistaqsi lill-ġenituri tiegħi biex immur għal xi kunċert fil-viċin imma ma kienux jagħtuni permess. Din ġieli kienet tiġri b'kastig ta' xi ħaġa ħażina li nkun għamilt. Imma ġieli ma kontx inkun nista' mmur għax il-ġenituri kienu jgħiduli li jekk jagħtu flus għal biljetti lili, kienu jridu jagħtu l-flus ukoll lil ħuti! F'dan il-kas xorta kont nirranġa b'xi mod, għax kont immur u għalkemm ma stajtx nidħol imma minn xi tieqa jew minn wara l-ħajt kont xorta nisimgħahom. Tassew li nkun tlift l-effett tal-ambjent sabiħ li jkollhom imma l-aqwa li nkun smajthom idoqqu!

Il-parabboli ta' Ġesù huma ftit jew wisq bħal meta kont nisma' minn wara l-ħajt xi kunċert sabiħ għax jagħtuna ħjiel ta' xi tfisser is-Saltna tas-Smewwiet. Ġesù kien jitkellem ħafna fuq din is-Saltna. Ħadem biex kulħadd ikun jaf kemm hi sabiħa. Xtaq li kulħadd ikun jista' jaħdem biex imur hemm. Bil-parabboli, Ġesù jagħtina ftit togħma tas-sabiħ li għandna jistenniena wara din il-ħajja.

Fl-Evanġelju tallum għandna tliet parabboli dwar is-Saltna tas-Smewwiet. L-ewwel parabola titħaddet dwar żerriegħa li ġiet miżrugħa u skont l-art li sabet, kien hemm uħud li kibru u għamlu l-frott u oħrajn li mietu. Fit-tieni parabola Ġesù jkellimna dwar kif tikber iż-żerriegħa fil-moħbi mingħajr il-bidwi ma jkun qed jara x'inhu jiġri. Fl-aħħar Ġesù jurina kif kull siġra kbira li tagħti l-frott tibda l-ħajja tagħha bħala daqxejn ta' żerriegħa.

B'dan il-parabboli Ġesù għandu messaġġ ċar xi jwassal. L-ewwel nett li rridu naħdmu biex nirbħu s-saltna tas-smewwiet. Ma nistgħux inkunu qisna għalq kollha xewk għax inkella kif tiġi ż-żerriegħa x-xewk joqtolha. Ġesù qed ifakkarna biex noqogħdu attenti mix-xewk li jtellifna f'ħajjitna, bħan-nuqqasijiet tagħna u eżempji ħżiena ta' tfal oħra. Imma mbagħad Ġesù jagħmlilna kuraġġ u jgħidilna li jekk naċċettaw it-tagħlim tal-Evanġelju, bil-mod il-mod insiru persuni aħjar, bħalma ż-żerriegħa bil-mod il-mod tikber mingħajr ħadd ma jinduna.

Fl-aħħar Ġesù jagħmlilna wegħda sabiħa. Jekk inħallu l-messaġġ tal-Evanġelju jikber fina, insiru bħal siġra kbira li tagħmel il-frott u li tilqa' fiha ħafna ħlejjaq differenti. Għalhekk ejjew nistinkaw biex l-Evanġelju jkun bħal dik iż-żerriegħa li tagħmel ħafna u ħafna frott.

Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**

RAĠEL, XEĦET, ŻERRIEGĦA, TINBET, TIKBER, SBULA. QAMĦ, FROTT, MINĠEL, ĦSAD, MUSTARDA, GĦASAFAR.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| N | I | T | K | E | L | L | M | U | M |
| T | W | E | M | M | I | N | M | U | M |
| M | E | S | S | I | J | A | T | N | U |
| U | T | I | D | E | J | N | A | A | S |
| T | I | K | B | R | E | GĦ | IE | Z | T |
| F | K | S | A | A | F | A | Ħ | A | A |
| R | B | B | R | Ġ | E | Ż | R | R | R |
| O | E | U | X | E | Ħ | E | T | M | D |
| T | R | L | Ġ | L | Ġ | R | I | I | A |
| T | Q | A | M | Ħ | O | R | N | N | Ħ |
| S | R | Ġ | E | S | N | IE | B | Ġ | U |
| I | R | R | I | A | A | GĦ | E | E | T |
| Ġ | A | O | K | D | F | A | T | L | Q |
| GĦ | A | S | A | F | A | R | Ż | A | Q |

"Is-Saltna ta' Alla hi
bħal meta raġel ikun
xeħet iż-żerriegħa fl-art.
Rieqed jew imqajjem,
**billejl jew binhar,**
**iż-żerriegħa tinbet u tikber,**
**bla ma jaf kif."**



## SAN TUMAS MORE



Tumas More twieled ftit wara li kienet għadha kif ġiet ivvintata l-magna tal-istampar (printing press). Tumas kien tifel intelliġenti u sar avukat bħal missieru, għalkemm għal xi żmien ħass is-sejħa biex isir saċerdot. Biż-żmien sar konsultent ta' Re Enriku VIII u r-re jien jirrispettah ħafna.

Ir-Re kien miżżewweġ u xtaq li jkollu tifel, imma dan ma seħx u għalhekk rid li jiżżewweġ lil xi ħadd ieħor. Imma l-Papa ma ridtx. Re Enriku, minħabba li kien ftit stinat mhux ħażin, għamel ta' rasu. Tumas min-naħa tiegħu ma qabilx ma' din id-deċiżjoni u ma baqax jaħdem fid-dar rjali. Huwa spiċċa bla xogħol. Ir-re sadanitant ħatar lilu nnifsu bħala l-mexxej tal-Knisja tal-Ingilterra u rid li kulħadd joqgħod għal kelma tiegħu. Tumas ma ridx, u għalhekk kien arrestat. Fil-ħabs għadda minn ħafna tbatija, imma xorta ma ridx li jiċħad lil Papa bħala l-kap tal-Knisja. B'hekk Tumas ingħata l-mewt.

Talba; Mulej agħtini l-kuraġġ biex jiena dejjem nibqa' nemmen fik u nkun ta' eżempju tajjeb għal sħabi.

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.